



18.10.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (COM(2018)0385 – C8-0249/2018 – 2018/0209(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Maria Gabriela Zoană

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-programm LIFE huwa strument għall-finanzjament tal-politika tal-Unjoni favur il-protezzjoni tal-ambjent u tal-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima. Dan jikkontribwixxi għall-għan tal-Unjoni li tonfoq 25 % tan-nefqa globali fuq l-għanijiet klimatiċi. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2018 dwar il-QFP li jmiss: Tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP wara l-2020, il-Parlament Ewropew iddeċieda li dan l-għan għandu jiżdied għal 30 %.

Il-programm jiffinanzja proġetti taħt is-subprogrammi "Natura u Bijodiversità", "l-Ekonomija Ċirkolari u l-Kwalità tal-Ħajja", "Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih" u "Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa". L-għan tal-programm huwa li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Dan isir billi jiġu promossi tekniki innovattivi fil-qasam tal-politika ambjentali, u ġeneralment billi jinstitabu modi kif tittejjeb l-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni f'dan il-qasam.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Programm LIFE għall-2021 sal-2027 tqis għadd ta' punti ta' tħassib tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali. B'mod partikolari, il-proposta:

- tipprovdi sinerġiji bejn il-Programm LIFE u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni;
- fiha regoli speċifiċi għall-finanzjament fir-Reġjuni Ultraperiferiċi u l-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej, inkluż l-iskema għall-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi fit-Territorji extra-Ewropej (BEST);
- tippermetti l-estensjoni tal-programm għal pajjiżi terzi taħt ċerti kundizzjonijiet;
- tagħti post sinifikanti għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp tal-aħjar prattiki.

Għalhekk, ir-rapporteur għal opinjoni tipproponi l-approvazzjoni ta' dan il-programm, b'għadd ta' emendi sabiex:

- tiġi enfasizzata r-rabta bejn il-politika ta' koeżjoni u l-Programm LIFE;
- l-awtoritajiet reġjonali u lokali jingħataw rwol aktar;
- jiġu appoġġati proġetti ta' bini ta' kapaċità amministrattiva;
- tiġi enfasizzata l-importanza tal-finanzjament ambjentali għar-Reġjuni Ultraperiferiċi u għall-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej;
- tingħata preċiżjoni akbar lill-kundizzjonijiet għall-parteciċipazzjoni fil-programm ta' pajjiżi terzi, inklużi ex Stati Membri tal-Unjoni.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li

ġejjin:

## Emenda 1

### Proposta għal regolament

#### Premessa 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Il-Programm, li jimmira li jikseb l-għanijiet u l-miri tal-Unjoni stabbiliti mill-leġiżlazzjoni, mill-pjanijiet, mill-politika u mill-impenji internazzjonali fil-qasam tal-ambjent, il-klima u l-enerġija nadifa, jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, għall-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent u biex jieqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità, jew permezz ta' interventi diretti jew bl-appoġġ tal-integrazzjoni ta' dawk l-għanijiet f'politiki oħra.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament

#### Premessa 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) L-Unjoni hija impenjata li tiżviluppa rispons komprensiv għall-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tal-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, li jenfasizza l-konnessjoni intrinsika bejn il-ġestjoni tar-riżorsi naturali biex tiġi żgurata disponibbiltà tagħhom fuq perjodu ta' żmien twil, is-servizzi ekosistemiċi, ir-rabta tagħhom mas-saħħa tal-bniedem u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u soċjalment inklużiv. F'dan l-ispirtu, il-Programm jenħtieġ li jagħti kontribuzzjoni materjali kemm għall-iżvilupp ekonomiku

*Emenda*

(3) Il-Programm, li jimmira li jikseb l-għanijiet u l-miri tal-Unjoni stabbiliti mill-leġiżlazzjoni, mill-pjanijiet, mill-politika u mill-impenji internazzjonali fil-qasam tal-ambjent, il-klima u l-enerġija nadifa, jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, **għall-preservazzjoni**, għall-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent u biex jieqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità, jew permezz ta' interventi diretti jew bl-appoġġ tal-integrazzjoni ta' dawk l-għanijiet f'politiki oħra.

*Emenda*

(4) L-Unjoni **Ewropea kollha** hija impenjata li tiżviluppa rispons komprensiv għall-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tal-Aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-2030 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, li jenfasizza l-konnessjoni intrinsika bejn il-ġestjoni tar-riżorsi naturali biex tiġi żgurata disponibbiltà tagħhom fuq perjodu ta' żmien twil, is-servizzi ekosistemiċi, ir-rabta tagħhom mas-saħħa tal-bniedem u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u soċjalment inklużiv. **Dan se jikkontribwixxi wkoll għall-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi.** F'dan l-ispirtu, il-

kif ukoll għall-koeżjoni soċjali.

Programm jenħtieġ li jagħti kontribuzzjoni materjali kemm għall-iżvilupp ekonomiku **sostenibbli** kif ukoll għall-koeżjoni soċjali **u territorjali**.

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 7

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Il-konformità mal-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima teħtieġ it-trasformazzjoni tal-Unjoni **f'soċjeta** effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Din, min-naħa l-oħra, tirrikjedi azzjonijiet, b'enfasi speċjali fuq is-setturi li jikkontribwixxu l-aktar għal-livelli attwali tal-output u tat-tniġġis ta' CO<sub>2</sub>, li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u tal-Pjanijiet Nazzjonali Integrati dwar l-Enerġija u l-Klima tal-Istati Membri u tal-preparazzjonijiet għall-istrateġija tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija għall-2050 u fuq terminu twil. Il-Programm jenħtieġ li jinkludi wkoll miżuri li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni dwar l-adattament għall-klima biex titnaqqas il-vulnerabbiltà għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima.

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 7a (ġdida)

###### *Emenda*

(7) Il-konformità mal-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima teħtieġ it-trasformazzjoni tal-Unjoni **f'soċjeta** effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Din, min-naħa l-oħra, tirrikjedi azzjonijiet, b'enfasi speċjali fuq is-setturi li jikkontribwixxu l-aktar għal-livelli attwali tal-output u tat-tniġġis ta' CO<sub>2</sub>, li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u tal-Pjanijiet Nazzjonali Integrati dwar l-Enerġija u l-Klima tal-Istati Membri, **inkluż fil-livell reġjonali u f'dak lokali**, u tal-preparazzjonijiet għall-istrateġija tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija għall-2050 u fuq terminu twil. Il-Programm jenħtieġ li jinkludi wkoll miżuri li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni dwar l-adattament għall-klima biex titnaqqas il-vulnerabbiltà għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima.

**(7a) Il-Parlament Ewropew, fir-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-promozzjoni tal-koeżjoni u l-iżvilupp fir-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-UE: l-implimentazzjoni tal-Artikolu 349 TFUE (2016/2250(INI)), fakkar fil-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi fir-rigward tal-ambjent u l-azzjoni klimatika.**

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa hija kontribuzzjoni essenzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima b'kobenefiċċji għall-ambjent. L-azzjonijiet għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, iffinanzjati sal-2020 taħt Orizzont 2020, jenħtieġ li jiġu integrati fil-Programm billi l-għan tagħhom **mhuwix li jifinanzjaw l-eċċellenza u li jiġġeneraw l-innovazzjoni, iżda** li jiffaċilitaw **l-użu** ta' teknoloġija diġà disponibbli li se tikkontribwixxi **għall-mitigazzjoni** tat-tibdil fil-klima. L-inklużjoni ta' dawn l-attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-Programm toffri potenzjal għal sinerġiji bejn is-subprogrammi u żżid il-koerenza ġenerali tal-finanzjament tal-Unjoni. Għalhekk, id-data jenħtieġ li tinġabar u tiġi **ddiseminata** dwar l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet eżistenti ta' riċerka u innovazzjoni fil-proġetti LIFE, inkluż mill-programm Orizzont Ewropa u l-predeċessuri **tiegħu**.

Emenda

(8) It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa hija kontribuzzjoni essenzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima b'kobenefiċċji għall-ambjent. L-azzjonijiet għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, iffinanzjati sal-2020 taħt Orizzont 2020, jenħtieġ li jiġu integrati fil-Programm billi l-għan tagħhom **huwa** li jiffaċilitaw **l-adozzjoni** ta' teknoloġija diġà disponibbli, li se tikkontribwixxi **għall-indirizzar tal-isfidi ambjentali, għall-mitigazzjoni** tat-tibdil fil-klima **u għall-ksib tal-għanijiet ambjentali tal-Unjoni**. L-inklużjoni ta' dawn l-attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-Programm toffri potenzjal għal sinerġiji bejn is-subprogrammi u żżid il-koerenza ġenerali tal-finanzjament tal-Unjoni. Għalhekk, id-data jenħtieġ li tinġabar u tiġi **ddisseminata** dwar l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet eżistenti ta' riċerka u innovazzjoni fil-proġetti LIFE, inkluż mill-programm Orizzont Ewropa u **programmi eżistenti oħrajn u l-predeċessuri tagħhom**.

## Emenda 6

### Proposta għal regolament

#### Premessa 9

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-leġiżlazzjoni dwar l-Enerġija Nadifa jistmaw li t-twettiq tal-miri tal-enerġija tal-Unjoni għall-2030 se jeħtieġ investimenti addizzjonali ta' EUR 177 biljun kull sena fil-perjodu bejn l-2021 u l-2030. L-akbar lakuni huma marbuta mal-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni tal-bini (l-effiċjenza fl-enerġija u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira), fejn il-kapital irid jiġi dirett lejn proġetti ta' natura distribwita ħafna. Wieħed mill-għanijiet tas-subprogramm dwar it-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa huwa li jibni l-kapaċità għall-iżvilupp u għall-aggregazzjoni tal-proġetti, li permezz tiegħu jgħin ukoll biex jiġu assorbiti l-fondi mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u jikkatalizza investimenti f'enerġija nadifa billi juża wkoll l-istrumenti finanzjarji pprovduti taħt l-InvestEU.

## Emenda 7

### Proposta għal regolament

#### Premessa 10

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Is-sinerġiji ma' Orizzont Ewropa jenħtieġ li jiżguraw li l-bżonnijiet fil-qasam tar-riċerka u tal-innovazzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali, klimatiċi u tal-enerġija fi ħdan l-UE jiġu identifikati u stabbiliti matul il-proċess tal-ippjanar strateġiku tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa. LIFE jenħtieġ li jkompli jaġixxi bħala katalizzatur għall-implimentazzjoni tal-politika u tal-

##### *Emenda*

(9) Il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-leġiżlazzjoni dwar l-Enerġija Nadifa jistmaw li t-twettiq tal-miri tal-enerġija tal-Unjoni għall-2030 se jeħtieġ investimenti addizzjonali ta' EUR 177 biljun kull sena fil-perjodu bejn l-2021 u l-2030. L-akbar lakuni huma marbuta mal-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni tal-bini (l-effiċjenza fl-enerġija u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira), fejn il-kapital irid jiġi dirett lejn proġetti ta' natura distribwita ħafna. Wieħed mill-għanijiet tas-subprogramm dwar it-Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa huwa li jibni l-kapaċità għall-iżvilupp u għall-aggregazzjoni tal-proġetti, ***b'konċentrazzjoni fuq il-potenzjal enerġetiku speċifiku tar-reġjuni***, li permezz tiegħu jgħin ukoll biex jiġu assorbiti l-fondi mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u jikkatalizza investimenti f'enerġija nadifa billi juża wkoll l-istrumenti finanzjarji pprovduti taħt l-InvestEU.

##### *Emenda*

(10) Is-sinerġiji ma' Orizzont Ewropa jenħtieġ li jiżguraw li l-bżonnijiet fil-qasam tar-riċerka u tal-innovazzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali, klimatiċi u tal-enerġija fi ħdan l-UE jiġu identifikati u stabbiliti matul il-proċess tal-ippjanar strateġiku tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa. LIFE jenħtieġ li jkompli jaġixxi bħala katalizzatur għall-implimentazzjoni tal-politika u tal-

leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ambjent, il-klima u l-enerġija nadifa, inkluż billi jintużaw u jiġu applikati r-riżultati tar-riċerka u tal-innovazzjoni minn Orizzont Ewropa u jgħin biex dawn jintużaw fuq skala ikbar fejn dawn jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ambjentali, klimatiċi jew ta' tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa jista' jipprovdi appoġġ għall-espansjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ideat rivoluzzjonarji ġodda li jistgħu jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-proġetti LIFE.

leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ambjent, il-klima u l-enerġija nadifa, inkluż billi jintużaw u jiġu applikati r-riżultati tar-riċerka u tal-innovazzjoni minn Orizzont Ewropa u jgħin biex dawn jintużaw fuq skala ikbar fejn dawn jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ambjentali, klimatiċi jew ta' tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. ***Il-proċedura ta' applikazzjoni u evalwazzjoni fil-Programm LIFE l-ġdid, aktar kumplessa mil-lat amministrattiv, għandha tiġi ssimplifikata billi jiġi segwit il-mudell tar-regoli u l-proċeduri tal-Orizzont 2020. Il-Programm LIFE l-ġdid għandu jinkorpora komponenti ta' suċċess tal-Orizzont 2020 fil-pjanijiet ta' implimentazzjoni futuri tiegħu.*** Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa jista' jipprovdi appoġġ għall-espansjoni u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ideat rivoluzzjonarji ġodda li jistgħu jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-proġetti LIFE.

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 12

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Il-pakkett tal-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali<sup>21</sup> tal-Unjoni l-aktar reċenti jindika li jenħtieġ progress sinifikanti biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-acquis tal-Unjoni dwar l-ambjent u biex tittejjeb l-integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali u klimatiċi f'politiki oħra. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jaġixxi bħala katalizzatur biex jikseb il-progress meħtieġ permezz tal-iżvilupp, tal-ittestjar u tar-replikazzjoni ta' approċċi ġodda; l-appoġġ għall-iżvilupp tal-politika, il-monitoraġġ u l-analiżi; it-tisħiħ tal-involviment tal-partijiet ikkonċernati; il-mobilizzazzjoni tal-investimenti li ġejjin mill-programmi kollha ta' investiment tal-Unjoni jew minn sorsi finanzjarji oħra u l-

#### *Emenda*

(12) Il-pakkett tal-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali<sup>21</sup> tal-Unjoni l-aktar reċenti jindika li jenħtieġ progress sinifikanti biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-acquis tal-Unjoni dwar l-ambjent u biex tittejjeb l-integrazzjoni tal-għanijiet ambjentali u klimatiċi f'politiki oħra. Għaldaqstant, il-Programm jenħtieġ li jaġixxi bħala katalizzatur biex jikseb il-progress meħtieġ permezz tal-iżvilupp, tal-ittestjar u tar-replikazzjoni ***u taż-żieda fil-viżibilità*** ta' approċċi ġodda ***u l-aħjar Prattika; l-appoġġ għall-iżvilupp tal-politika, il-koerenza, il-konsistenza,*** il-monitoraġġ u l-analiżi; ***il-promozzjoni għal koordinazzjoni aktar effikaċi bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali;***



appoġġ għal azzjonijiet biex jingħelbu d-diversi ostakli għall-implimentazzjoni effettiva tal-pjanijiet ewlenin meħtieġa mil-leġislazzjoni ambjentali.

it-tiŝiħ tal-involvement tal-partijiet ikkonċernati ***kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, l-NGOs, iċ-ċentri ta' riċerka u n-negozji***; il-mobilizzazzjoni tal-investimenti li ġejjin mill-programmi kollha ta' investiment tal-Unjoni jew minn sorsi finanzjarji oħra u l-appoġġ għal azzjonijiet biex jingħelbu d-diversi ostakli għall-implimentazzjoni effettiva tal-pjanijiet ewlenin meħtieġa mil-leġislazzjoni ambjentali.

---

<sup>21</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - L-analiżi tal-implimentazzjoni ambjentali tal-UE: L-isfidi ewlenin u kif se ngħaqqdu l-isforzi biex nagħtu riżultati aħjar (COM/2017/063 final).

---

<sup>21</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - L-analiżi tal-implimentazzjoni ambjentali tal-UE: L-isfidi ewlenin u kif se ngħaqqdu l-isforzi biex nagħtu riżultati aħjar (COM/2017/063 final).

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 13

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) It-twaqqif u t-treġġiġh lura tat-telf tal-bijodiversità, inkluż f'ekosistemi tal-baħar, jeħtieġu appoġġ għall-iżvilupp, għall-implimentazzjoni, għall-infurzar u għall-valutazzjoni tal-leġislazzjoni u tal-politika rilevanti tal-Unjoni, inkluża l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020<sup>22</sup>, id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE<sup>23</sup> u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>24</sup> u r-Regolament (UE) 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>25</sup>, b'mod partikolari bl-iżvilupp ta' bażi ta' għarfien għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tal-politika u bl-iżvilupp, l-ittestjar, id-dimostrazzjoni u l-applikazzjoni tal-aħjar prattiki u soluzzjonijiet fuq skala żgħira jew imfassla apposta għal kuntesti lokali,

#### *Emenda*

(13) It-twaqqif u t-treġġiġh lura tat-telf tal-bijodiversità, inkluż f'ekosistemi tal-baħar, jeħtieġu appoġġ għall-iżvilupp, għall-implimentazzjoni, għall-infurzar u għall-valutazzjoni tal-leġislazzjoni u tal-politika rilevanti tal-Unjoni, inkluża l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020<sup>22</sup>, id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE<sup>23</sup> u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>24</sup> u r-Regolament (UE) 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>25</sup>, b'mod partikolari bl-iżvilupp ta' bażi ta' għarfien għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tal-politika u bl-iżvilupp, l-ittestjar, id-dimostrazzjoni u l-applikazzjoni tal-aħjar prattiki u soluzzjonijiet fuq skala żgħira jew imfassla apposta għal kuntesti lokali,

reġjonali jew nazzjonali speċifiċi, inklużi approċċi integrati għall-implimentazzjoni tal-oqsfa ta' azzjoni prijoritizzati ppreparati fuq il-bażi tad-Direttiva 92/43/KEE. L-Unjoni jenħtieġ li ssegwi n-nefqa tagħha relatata mal-bijodiversità sabiex tissodisfa l-obbligi ta' rappurtar tagħha skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika. Jenħtieġ li jiġu ssodisfati wkoll ir-rekwiżiti għas-segwiment flegizlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni.

---

<sup>22</sup> COM(2011) 244 final.

<sup>23</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

<sup>24</sup> Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35).

## **Emenda 10**

### **Proposta għal regolament Premessa 14**

reġjonali jew nazzjonali speċifiċi, inklużi approċċi integrati għall-implimentazzjoni tal-oqsfa ta' azzjoni prijoritizzati ppreparati fuq il-bażi tad-Direttiva 92/43/KEE. ***Il-protezzjoni tal-bijodiversità ma tistax tiġi indirizzata waħedha, iżda hemm bżonn approċċ koordinat fil-livell tal-UE u dak internazzjonali. Jenħtieġ li l-Unjoni tagħti aktar attenzjoni u tiddedika aktar riżorsi għat-titjib tal-ġbir u tal-kollazzjoni tad-data bijoloġika u għall-konverżjoni ta' din id-data f'outputs li se jipprovdu konċentrazzjoni ġeografika mtejba tal-azzjoni ta' konservazzjoni.*** L-Unjoni jenħtieġ li ssegwi n-nefqa tagħha relatata mal-bijodiversità sabiex tissodisfa l-obbligi ta' rappurtar tagħha skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika. Jenħtieġ li jiġu ssodisfati wkoll ir-rekwiżiti għas-segwiment flegizlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni.

---

<sup>22</sup> COM(2011) 244 final.

<sup>23</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

<sup>24</sup> Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35).

(14) L-evalwazzjonijiet u l-valutazzjonijiet reċenti, inkluż ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020 u l-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni dwar in-Natura, jindikaw li waħda mill-kawżi sottostanti ewlenin tal-implimentazzjoni insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar in-natura u tal-istrateġija għall-bijodiversità hija n-nuqqas ta' finanzjament adegwat. L-istrumenti ewlenin ta' finanzjament tal-Unjoni, inkluż *il-Fond* Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u *s-Sajd*, jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jintlaħqu dawk il-ħtiġijiet. Il-Programm *jista' jtejjeb* aktar l-effiċjenza ta' tali integrazzjoni permezz ta' proġetti strateġiċi dwar in-natura ddedikati għall-katalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u tal-politika tal-Unjoni dwar in-natura u l-bijodiversità, inklużi l-azzjonijiet stabbiliti fl-Oqfsa ta' Azzjoni ta' Prijorità żviluppata skont id-Direttiva 92/43/KEE. Il-proġetti strateġiċi dwar in-natura jenħtieġ li jappoġġaw programmi ta' azzjonijiet fl-Istati Membri għall-integrazzjoni tal-għanijiet tan-natura u tal-bijodiversità rilevanti f'politiki oħra u fi programmi ta' finanzjament, u b'hekk ikun żgurat li jiġu mmobilizzati fondi adattati għall-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu fi ħdan il-Pjan Strateġiku għall-Politika Agrikola Komuni li jużaw ċertu proporzjon tal-allokkazzjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali biex jinkiseb appoġġ għal azzjonijiet li jikkomplementaw il-Proġetti Strateġiċi dwar in-Natura kif definiti f'dan ir-Regolament.

(14) L-evalwazzjonijiet u l-valutazzjonijiet reċenti, inkluż ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020 u l-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni dwar in-Natura, jindikaw li waħda mill-kawżi sottostanti ewlenin tal-implimentazzjoni insuffiċjenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar in-natura u tal-istrateġija għall-bijodiversità hija n-nuqqas ta' finanzjament adegwat **u l-koordinazzjoni aħjar bejn l-istituzzjonijiet governattivi u xjentifiċi**. L-istrumenti ewlenin ta' finanzjament tal-Unjoni, inkluż **b'mod partikolari l-Fondi SIE, jiġifieri l-Fond** Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u **s-Sajd**, jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jintlaħqu dawk il-ħtiġijiet. Il-Programm **jeħtieġu jtejjeb** aktar l-effiċjenza ta' tali integrazzjoni permezz ta' proġetti strateġiċi dwar in-natura ddedikati **għas-sostenibbiltà u l-konservazzjoni u** għall-katalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u tal-politika tal-Unjoni dwar in-natura u l-bijodiversità, inklużi l-azzjonijiet stabbiliti fl-Oqfsa ta' Azzjoni ta' Prijorità żviluppata skont id-Direttiva 92/43/KEE. **F'ħafna Stati Membri, il-parti l-kbira tal-ekosistemi ġiet degradata; ir-restawr tal-ekosistemi jikkontribwixxi biex iwaqqaf it-telfien tal-bijodiversità, u jissalvagwardja s-servizzi tal-ekosistema li dawn jipprovdu. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika biex il-proċessi naturali jingħataw spazju biex jirrestawraw u jsostnu l-ekosistemi, u biex jitħeġġu sħubijiet ma' setturi ekonomiċi oħra, bħall-forestrija u l-ġestjoni tal-ilma, fl-iżvilupp ta' ekonomiji bbażati fuq in-natura.** Il-proġetti strateġiċi dwar in-natura jenħtieġ li jappoġġaw programmi ta' azzjonijiet fl-Istati Membri għall-integrazzjoni tal-għanijiet tan-natura u tal-bijodiversità rilevanti f'politiki oħra u fi

programmi ta' finanzjament, u b'hekk ikun żgurat li jiġu mmobilizzati fondi adattati ***b'sinerġija bejn id-diversi strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni*** għall-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki, ***billi jintlaħaq bilanċ bejn il-protezzjoni tan-natura u l-ħtiġijiet tal-iżvilupp fil-livell lokali u f'dak reġjonali***. L-Istati Membri ***u r-reġjuni tagħhom*** jistgħu jiddeċiedu fi ħdan il-Pjan Strateġiku għall-Politika Agrikola Komuni li jużaw ċertu proporzjon tal-allokkazzjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali biex jinkiseb appoġġ għal azzjonijiet li jikkomplementaw il-Proġetti Strateġiċi dwar in-Natura kif definiti f'dan ir-Regolament.

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 15

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) L-iskema volontarja għall-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi fit-Territorji extra-Ewropej (BEST) tippromwovi l-konservazzjoni tal-bijodiversità, inkluża l-bijodiversità tal-baħar, u l-użu sostenibbli ta' servizzi ekosistemiċi, inklużi approċċi bbażati fuq l-ekosistema għall-adattament u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, fir-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-Unjoni u fil-Pajjiżi u fit-Territorji extra-Ewropej. L-iskema BEST għenet biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza ekoloġika tar-Reġjuni Ultraperiferiċi u tal-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej għall-konservazzjoni tal-bijodiversità globali. Fid-Dikjarazzjonijiet Ministerjali tagħhom tal-2017 u l-2018, il-Pajjiżi u ***t-Territorji extra-Ewropej*** esprimew l-apprezzament tagħhom għal din l-iskema ta' għotjiet żgħar għall-bijodiversità. Huwa ***xieraq li l-Programm jitħalla jkompli*** jiffinanzja għotjiet żgħar

#### *Emenda*

(15) L-iskema volontarja għall-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi fit-Territorji extra-Ewropej (BEST) tippromwovi l-konservazzjoni tal-bijodiversità, inkluża l-bijodiversità tal-baħar, u l-użu sostenibbli ta' servizzi ekosistemiċi, inklużi approċċi bbażati fuq l-ekosistema għall-adattament u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, fir-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-Unjoni u fil-Pajjiżi u fit-Territorji extra-Ewropej. L-iskema BEST għenet biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza ekoloġika tar-Reġjuni Ultraperiferiċi u tal-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej għall-konservazzjoni tal-bijodiversità globali. Fid-Dikjarazzjonijiet Ministerjali tagħhom tal-2017 u l-2018, il-Pajjiżi u ***t-Territorji extra-Ewropej*** esprimew l-apprezzament tagħhom għal din l-iskema ta' għotjiet żgħar għall-bijodiversità. ***Għalhekk jeħtieġ li din l-iskema ssir sostenibbli billi tiġi integrata***

għall-bijodiversità kemm fir-Reġjun Ultraperiferiċi kif ukoll fil-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej.

*fil-Programm LIFE u billi jiġi żgurati li l-baġit tagħha jkollu riżorsi finanzjarji ambizzjużi. Il-Programm jehntieglu jkompli jiffinanzja għotjiet żgħar għall-bijodiversità kemm fir-Reġjun Ultraperiferiċi kif ukoll fil-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej, b'hekk jagħti effett għar-responsabbiltà tal-Unjoni lejn dawn l-oqsma, jiżgura l-ilħiq tal-għanijiet ambjentali tal-Unjoni, u jagħti kontribut għall-koeżjoni soċjali u territorjali. Din l-iskema ma tissostitwixxi finanzjament ieħor għar-reġjuni ultraperiferiċi taħt il-Programm LIFE.*

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 16

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari teħtieġ bidla fil-mentalità fir-rigward tat-tfassil, il-produzzjoni, il-konsum u r-rimi ta' materjali u prodotti, inklużi l-plastiks. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn mudell ta' ekonomija ċirkolari permezz ta' appoġġ finanzjarju mmirat lejn varjetà ta' atturi (in-negozji, l-awtoritajiet pubbliċi u l-konsumaturi), b'mod partikolari billi japplika, jiżviluppa u jirreplika l-aħjar teknoloġiji, prattiki u soluzzjonijiet imfassla apposta għal kuntesti lokali, reġjonali jew nazzjonali speċifiċi, inkluż permezz ta' approċċi integrati għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet tal-immaniġġjar u l-prevenzjoni tal-iskart. Permezz ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-plastiks, tista' tittieħed azzjoni biex tiġi indirizzata b'mod partikolari l-problema tal-iskart tal-baħar.

#### *Emenda*

(16) Il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari teħtieġ bidla fil-mentalità fir-rigward tat-tfassil, il-produzzjoni, il-konsum u r-rimi ta' materjali u prodotti, inklużi l-plastiks. Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn mudell ta' ekonomija ċirkolari permezz ta' appoġġ finanzjarju mmirat lejn varjetà ta' atturi (in-negozji, l-awtoritajiet pubbliċi **nazzjonali, reġjonali u lokali** u l-konsumaturi), b'mod partikolari billi japplika, jiżviluppa u jirreplika l-aħjar teknoloġiji, prattiki u soluzzjonijiet imfassla apposta għal kuntesti lokali, reġjonali jew nazzjonali speċifiċi, inkluż permezz ta' approċċi **territorjali** integrati għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet tal-immaniġġjar u l-prevenzjoni tal-iskart. Permezz ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-plastiks, tista' tittieħed azzjoni biex tiġi indirizzata b'mod partikolari l-problema tal-iskart **tal-baħar, u b'hekk jingħata kontribut għall-preservazzjoni tal-bijodiversità** tal-baħar.

## Emenda 13

### Proposta għal regolament

#### Premessa 20

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) It-titjib tal-governanza fuq kwistjonijiet ambjentali, it-tibdil fil-klima u kwistjonijiet relatati ta' tranżizzjoni lejn enerġija nadifa jeħtieġ l-involviment tas-soċjeta' ċivili billi tiżdied **is-sensibilizzazzjoni** tal-pubbliku, l-involviment tal-konsumaturi u t-twessigħ tal-involviment tal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-organizzazzjoni nongovernattivi, f'konsultazzjoni dwar il-politiki relatati u l-implimentazzjoni tagħhom.

## Emenda 14

### Proposta għal regolament

#### Premessa 22

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Il-Programm jenħtieġ li jħejji u jappoġġa lill-atturi fis-suq għal tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima billi jittestja opportunitajiet tan-negożju ġodda, jaġġorna l-ħiliet professjonali, jiffaċilita l-aċċess tal-konsumaturi għall-prodotti u s-servizzi sostenibbli, jinvolvi u **jagħti s-setgħa** lill-influwenzaturi u jittestja metodi ġodda biex jiġu adattati l-proċessi u l-pajsaġġ kummerċjali eżistenti. Biex tkun appoġġata l-adozzjoni kummerċjali usa' ta' soluzzjonijiet sostenibbli, jenħtieġ li jiġu promossi l-aċċettazzjoni tal-pubbliku ġenerali u l-involviment tal-konsumatur.

##### *Emenda*

(20) It-titjib tal-governanza **fil-livelli kollha** fuq kwistjonijiet ambjentali, it-tibdil fil-klima u kwistjonijiet relatati ta' tranżizzjoni lejn enerġija nadifa jeħtieġ l-involviment tas-soċjeta' ċivili billi tiżdied **il-komunikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni** tal-pubbliku, l-involviment **tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali**, tal-konsumaturi u t-twessigħ tal-involviment tal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-organizzazzjoni nongovernattivi, **is-sħab u n-negożji fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni** f'konsultazzjoni dwar il-politiki relatati u l-implimentazzjoni tagħhom.

##### *Emenda*

(22) Il-Programm jenħtieġ li jħejji u jappoġġa lill-atturi fis-suq għal tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima billi jittestja opportunitajiet tan-negożju ġodda, jaġġorna l-ħiliet professjonali, jiffaċilita l-aċċess tal-konsumaturi għall-prodotti u s-servizzi sostenibbli, jinvolvi u **jabilita** lill-influwenzaturi u jittestja metodi ġodda biex jiġu adattati l-proċessi u l-pajsaġġ kummerċjali eżistenti, **kif ukoll jinvolvi l-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni tal-għanijiet fil-kuntest tal-ekonomija ċirkolari**. Biex tkun appoġġata l-adozzjoni kummerċjali usa' ta' soluzzjonijiet

sostenibbli, jenħtieġ li jiġu promossi l-aċċettazzjoni tal-pubbliku ġenerali u l-involviment tal-konsumatur, **inkluż permezz ta' kampanji tal-midja.**

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Premessa 23

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) Fil-livell tal-Unjoni, investimenti kbar f'azzjonijiet ambjentali u klimatiċi huma primarjament iffinanzjati minn programmi ta' finanzjament ewlenin tal-Unjoni (integrazzjoni). Fil-kuntest tar-rwol katalitiku tagħhom, il-proġetti strateġiċi integrati u l-proġetti strateġiċi dwar in-natura li jridu jiġu żviluppati taħt il-Programm jenħtieġ li jisfruttaw opportunitajiet ta' finanzjament fi ħdan dawk il-programmi ta' finanzjament u sorsi oħrajn ta' finanzjament bħalma huma l-fondi nazzjonali, u joħlqu s-sinerġiji.

#### *Emenda*

(23) Fil-livell tal-Unjoni, investimenti kbar f'azzjonijiet ambjentali u klimatiċi huma primarjament iffinanzjati minn programmi ta' finanzjament ewlenin tal-Unjoni (integrazzjoni), **inkluż il-fondi ta' koeżjoni.** Fil-kuntest tar-rwol katalitiku tagħhom, il-proġetti strateġiċi integrati u l-proġetti strateġiċi dwar in-natura li jridu jiġu żviluppati taħt il-Programm jenħtieġ li jisfruttaw opportunitajiet ta' finanzjament fi ħdan dawk il-programmi ta' finanzjament u sorsi oħrajn ta' finanzjament bħalma huma l-fondi nazzjonali, u joħlqu s-sinerġiji.

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Premessa 24

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(24) Filwaqt li jirrifletti dwar l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex jimplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex jintegra l-azzjoni klimatika u għall-kisba ta' mira ġenerali ta' **25 %** ta' nfiq tal-baġit tal-UE li jappoġġaw l-oġettivi tal-klima. L-azzjonijiet fi ħdan dan il-Programm huma mistennija li jikkontribwixxu 61 % tal-pakkett

#### *Emenda*

(24) Filwaqt li jirrifletti dwar l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex jimplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex jintegra l-azzjoni klimatika u għall-kisba ta' mira ġenerali ta' **30 %** ta' nfiq tal-baġit tal-UE li jappoġġaw l-oġettivi tal-klima. L-azzjonijiet fi ħdan dan il-Programm huma mistennija li jikkontribwixxu 61 % tal-pakkett

finanzjarju ġenerali tal-Programm għall-  
għanijiet klimatiċi. Matul it-tnejn u l-  
implimentazzjoni tal-Programm se jiġu  
identifikati azzjonijiet rilevanti, u se jiġu  
vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-  
evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami  
rilevanti.

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 25

*Test propost mill-Kummissjoni*

(25) *Fl-implimentazzjoni tal-  
Programm, jenħtieġ tingħata  
kunsiderazzjoni xierqa lill-istrateġija  
għar-reġjuni ultraperiferiċi fid-dawl tal-  
Artikolu 349 TFUE u l-ħtiġijiet u l-  
vulnerabilitajiet speċifiċi ta' dawn ir-  
reġjuni. Il-politiki tal-Unjoni, għajr il-  
politiki ambjentali, klimatiċi u ta'  
tranżizzjoni lejn enerġija nadifa rilevanti,  
jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll.*

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Premessa 26

PE625.424v02-00

16/33

AD\1165920MT.docx

finanzjarju ġenerali tal-Programm għall-  
għanijiet klimatiċi. Matul it-tnejn u l-  
implimentazzjoni tal-Programm se jiġu  
identifikati azzjonijiet rilevanti, u se jiġu  
vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-  
evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami  
rilevanti.

*Emenda*

(25) *Skont l-Artikoli 174 u 349 tat-  
TFUE, l-implimentazzjoni tal-Programm  
trid tirrispetta l-istrateġija għar-reġjuni  
ultraperiferiċi, li huma parti integrali tal-  
Unjoni, u, b'mod ġenerali, tkopri l-  
ħtiġijiet, il-karatteristiċi, il-limitazzjonijiet  
u l-vulnerabilitajiet speċifiċi tar-reġjuni li  
jsofru minn restrizzjonijiet naturali u  
demografiċi severi u permanenti. Din l-  
implimentazzjoni tista' tikkontribwixxi  
wkoll għal tnaqqis tal-inugwaljanzi bejn  
il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni differenti u  
għal tnaqqis tad-defiċit ta' żvilupp tar-  
reġjuni l-aktar żvantaġġati, inklużi l-isfidi  
speċifiċi tal-implimentazzjoni ta' politiki  
favur l-ambjent li jikkontribwixxu għat-  
tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa,  
ċirkolari, effiċjenza fl-użu tal-enerġija,  
b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u  
reżiljenti għall-klima, u għall-  
preservazzjoni tal-bijodiversità. Il-politiki  
tal-Unjoni, għajr il-politiki ambjentali,  
klimatiċi u ta' tranżizzjoni lejn enerġija  
nadifa rilevanti, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati  
wkoll.*



(26) B'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Programm, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkollabora mal-punti ta' kuntatt nazzjonali tal-Programm, torganizza seminars u workshops, tippubblika listi ta' proġetti ffinanzjati taħt il-Programm jew twettaq attivitajiet oħra **biex** ixxandar ir-riżultati tal-proġetti u biex tiffaċilita skambji ta' esperjenza, għarfien u l-aħjar Prattiki u r-replikazzjoni tar-riżultati tal-proġetti fl-Unjoni kollha. Jenħtieġ li dawn l-attivitajiet, b'mod partikolari, ikunu mmirati għall-Istati Membri b'użu baxx ta' fondi u jenħtieġ li jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-benefiċjarji tal-proġetti, l-applikanti jew il-partijiet ikkonċernati ta' proġetti li tlestew u dawk li għadhom għaddejjin fl-istess qasam.

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Premessa 31

(31) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li jintgħażlu skont il-ħila tagħhom li jiksbu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu **r-riżultati**, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu il-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv **u r-riskju** mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Fir-rigward tal-għotjiet, dan jenħtieġ li jinkludi konsiderazzjoni tal-użu ta' somom f'daqqa,

(26) B'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Programm, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkollabora mal-punti ta' kuntatt nazzjonali, **reġjonali u lokali** tal-Programm, torganizza seminars u workshops, tippubblika listi ta' proġetti ffinanzjati taħt il-Programm jew twettaq attivitajiet oħra, **bħall-kampanji tal-midja, sabiex** ixxandar **aħjar** ir-riżultati tal-proġetti u biex tiffaċilita skambji ta' esperjenza, għarfien u l-aħjar Prattiki u r-replikazzjoni tar-riżultati tal-proġetti fl-Unjoni kollha, **u b'hekk tippromwovi l-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni**. Jenħtieġ li dawn l-attivitajiet, b'mod partikolari, ikunu mmirati għall-Istati Membri b'użu baxx ta' fondi u jenħtieġ li jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-benefiċjarji tal-proġetti, l-applikanti jew il-partijiet ikkonċernati ta' proġetti li tlestew u dawk li għadhom għaddejjin fl-istess qasam. **Huwa essenzjali li l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-partijiet ikkonċernati jkunu involuti f'din il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni.**

(31) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni, jenħtieġ li jintgħażlu skont il-ħila tagħhom li jiksbu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu **l-aħjar riżultati**, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu il-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv, **ir-riskju** mistenni ta' nuqqas ta' konformità **u r-rata ta' kofinanzjament imqabbla ma' strumenti ta' ġestjoni diretta oħrajn**. Fir-rigward tal-għotjiet, dan jenħtieġ li jinkludi

rati fissi u skali ta' kostijiet unitarji.

konsiderazzjoni tal-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u skali ta' kostijiet unitarji.

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Premessa 33

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(33) Skont l-Artikolu 94 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE, l-entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji extra-Ewropej (PTEE) huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-għanijiet tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li miegħu l-pajjiż jew it-territorju extra-Ewropew rilevanti huwa marbut. Il-parteċipazzjoni ta' dawn l-entitajiet f'dan il-Programm jenħtieġ li tiffoka primarjament fuq proġetti taħt is-subprogramm Natura u Bijodiversità.

#### *Emenda*

(33) Skont l-Artikolu 94 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE, l-entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji extra-Ewropej (PTEE), ***fejn l-Unjoni hija responsabbli għalihom***, huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u għall-għanijiet tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li miegħu l-pajjiż jew it-territorju extra-Ewropew rilevanti huwa marbut. Il-parteċipazzjoni ta' dawn l-entitajiet f'dan il-Programm jenħtieġ li tiffoka primarjament fuq proġetti taħt is-subprogramm Natura u Bijodiversità.

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Premessa 35

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(35) Il-pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jieħdu sehem fil-programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-ftehim ŻEE, li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-programmi permezz ta' deċiżjoni skont dak il-ftehim. Il-pajjiżi terzi jistgħu wkoll jipparteċipaw fuq il-bażi ta' strumenti legali oħra. Jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika f'dan ir-Regolament li tagħti d-drittijiet neċessarji u l-aċċess lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni

#### *Emenda*

(35) Il-pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jieħdu sehem fil-programmi tal-Unjoni fil-qafas tal-kooperazzjoni stabbilita skont il-ftehim ŻEE, li jipprevedi l-implimentazzjoni tal-programmi permezz ta' deċiżjoni skont dak il-ftehim. Il-pajjiżi terzi, ***inklużi ex Stati Membri tal-Unjoni***, jistgħu wkoll jipparteċipaw fuq il-bażi ta' strumenti legali oħra. Jenħtieġ li tiġi introdotta dispożizzjoni speċifika f'dan ir-Regolament li tagħti d-drittijiet neċessarji u

responsabbli, lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) kif ukoll lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

l-aċċess lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) kif ukoll lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex jeżerċitaw b'mod komprensiv il-kompetenzi rispettivi tagħhom. ***Jenħtieġ li jsir provvediment biex jitressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fejn dan ikun f'loku.***

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) (il-"Programm").

#### *Emenda*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) (il-"Programm") ***li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.***

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Dan ***jistabbilixxi*** l-għanijiet tal-Programm, il-baġit għall-perjodu bejn l-2021 u l-2027, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' dan it-tip ta' finanzjament.

#### *Emenda*

Dan ***jipprevedi*** l-għanijiet tal-Programm, il-baġit għall-perjodu bejn l-2021 u l-2027, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' dan it-tip ta' finanzjament ***mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.***

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) "proġetti strateġiċi dwar in-natura" tfisser proġetti li jappoġġaw il-kisba tal-

#### *Emenda*

(1) "proġetti strateġiċi dwar in-natura" tfisser proġetti li jappoġġaw il-kisba tal-

għanijiet tal-Unjoni fir-rigward tan-natura u tal-bijodiversità billi jimplementaw programmi ta' azzjoni koerenti fl-Istati Membri biex jintegraw dawn l-għanijiet u l-prijoritajiet f'politiki u strumenti ta' finanzjament oħra, inkluż permezz ta' implimentazzjoni kkoordinata tal-oqfsa ta' azzjoni prijoritarji stabbiliti skont id-Direttiva 92/43/KEE;

għanijiet tal-Unjoni fir-rigward tan-natura u tal-bijodiversità billi jimplementaw programmi ta' azzjoni koerenti fl-Istati Membri ***fil-livell nazzjonali, f'dak reġjonali, u f'dak lokali***, biex jintegraw dawn l-għanijiet u l-prijoritajiet f'politiki u strumenti ta' finanzjament oħra, inkluż permezz ta' implimentazzjoni kkoordinata tal-oqfsa ta' azzjoni prijoritarji stabbiliti skont id-Direttiva 92/43/KEE;

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) "proġetti integrati strateġiċi" tfisser proġetti li jimplementaw fuq skala reġjonali, multireġjonali, nazzjonali jew transnazzjonali, strateġiji ambjentali jew klimatiċi jew pjanijiet ta' azzjoni żviluppatti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u meħtieġa minn leġiżlazzjoni jew politiki speċifiċi u rilevanti tal-Unjoni dwar l-ambjent, il-klima jew l-enerġija nadifa, filwaqt li jiżguraw l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u jippromwovu l-koordinazzjoni u l-mobilizzazzjoni ta' mill-inqas sors wieħed ta' finanzjament ieħor tal-Unjoni, nazzjonali jew privat;

#### *Emenda*

(2) "proġetti integrati strateġiċi" tfisser proġetti li jimplementaw fuq skala reġjonali, multireġjonali, nazzjonali jew transnazzjonali, strateġiji ambjentali jew klimatiċi jew pjanijiet ta' azzjoni żviluppatti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri ***fil-livell nazzjonali, f'dak reġjonali u f'dak lokali***, u meħtieġa minn leġiżlazzjoni jew politiki speċifiċi u rilevanti tal-Unjoni dwar l-ambjent, il-klima jew l-enerġija nadifa, filwaqt li jiżguraw l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u jippromwovu l-koordinazzjoni u l-mobilizzazzjoni ta' mill-inqas sors wieħed ta' finanzjament ieħor tal-Unjoni, nazzjonali jew privat;

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) "proġetti ta' azzjoni standard" tfisser proġetti, għajr proġetti integrati strateġiċi, proġetti strateġiċi dwar in-natura jew proġetti ta' assistenza teknika, li jsegwu l-għanijiet speċifiċi tal-Programm stabbiliti fl-Artikolu 3(2);

#### *Emenda*

(4) "proġetti ta' azzjoni standard" tfisser proġetti, għajr proġetti integrati strateġiċi, proġetti strateġiċi dwar in-natura jew proġetti ta' assistenza teknika, ***bħal proġetti minn isfel għal fuq (Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità)*** li jsegwu l-għanijiet speċifiċi tal-Programm stabbiliti

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(4a) "proġetti ta' bini ta' kapaċità amministrattiva" tfisser proġetti li permezz tagħhom l-awtoritajiet tal-Istati Membri jżidu l-kapaċità tagħhom biex iwettqu l-funzjonijiet, isolvu l-problemi u jilhq u l-objettivi, kif ukoll biex jifhmu u jitrattaw l-iżvilupp tagħhom f'kontest usa' u b'mod sostenibbli.**

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-għan ġenerali tal-Programm huwa li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, għall-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent u biex jieqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-biodiversità, u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli.

L-għan ġenerali tal-Programm huwa li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija **sostenibbli**, nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija **tar-riżorsi**, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa **u rinnovabbli**, għall-protezzjoni, **l-preservazzjoni** u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent u biex jieqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-biodiversità, u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli **u jindirizza t-tibdil fil-klima. Il-Programm għandu jappoġġa aħjar il-governanza ambjentali u klimatika fil-livelli kollha, inkluż l-involviment qawwi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.**

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) li jiżviluppa, juri u jippromwovi tekniki u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-azzjoni klimatika, inkluża t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, u li jikkontribwixxi għall-applikazzjoni tal-aħjar prassi fir-rigward tan-natura u tal-bijodiversità;

#### *Emenda*

(a) li jiżviluppa, juri u jippromwovi tekniki u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika u tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ambjent u l-azzjoni klimatika, inkluża t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa **u rinnovabbli**, u li jikkontribwixxi għall-applikazzjoni tal-aħjar prassi fir-rigward tan-natura u tal-bijodiversità;

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) li jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż billi jtejjeb il-governanza permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati u tal-involviment tas-soċjetà ċivili;

#### *Emenda*

(b) li jappoġġa l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-politiki u tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, **filwaqt li jtejjeb il-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni**, inkluż billi jtejjeb il-governanza **f'diversi livelli** permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati u tal-involviment tas-soċjetà ċivili, **inkluż fil-livell reġjonali u lokali**;

## Emenda 31

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) li jikkatalizza l-użu fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet tekniċi u relatati mal-politika ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-

#### *Emenda*

(c) li jikkatalizza l-użu fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet tekniċi u relatati mal-politika ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-

Unjoni billi jirreplika r-riżultati, jintegra l-għanijiet relatati f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u jimmobilizza l-investment u jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament.

Unjoni billi jirreplika r-riżultati ***u l-aħjar prattiki***, jintegra l-għanijiet relatati f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, ***inkluż fil-livell reġjonali u f'dak lokali***, u jimmobilizza l-investment u jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament.

### Emenda 32

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) is-subprogramm Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih;

*Emenda*

(a) is-subprogramm ***Governanza***, Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih;

### Emenda 33

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 5 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jkun ta' ***EUR 5 450 000 000***, f'termini ta' prezzijiet ***attwali***.

*Emenda*

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jkun ta' ***EUR 6 442 000 000***, f'termini ta' prezzijiet ***tal-2018***.

### Emenda 34

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 5 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun:

(a) ***EUR 3 500 000 000*** għall-qasam Ambjent, li minnhom

(1) ***EUR 2 150 000 000*** għas-subprogramm Natura u Bijodiversità u

*Emenda*

2. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun:

(a) ***EUR 4 122 880 000*** għall-qasam Ambjent, li minnhom

(1) ***EUR 2 514 956 800*** għas-subprogramm Natura u Bijodiversità u

- (2) **EUR 1 350 000 000** għas-subprogramm Ekonomija Ċirkolari u Kwalità tal-Ħajja;
- (b) **EUR 1 950 000 000** għall-qasam Azzjoni Klimatika, li minnhom
- (1) **EUR 950 000 000** għas-subprogramm Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih u
- (2) **EUR 1 000 000 000** għas-subprogramm Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa.

- (2) **EUR 1 607 923 200** għas-subprogramm Ekonomija Ċirkolari u Kwalità tal-Ħajja;
- (b) **EUR 2 319 120 000** għall-qasam Azzjoni Klimatika, li minnhom
- (1) **EUR 1 136 368 000** għas-subprogramm **Governanza**, Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima u Adattament Għalih u
- (2) **EUR 1 182 751 200** għas-subprogramm Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa.

### Emenda 35

#### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

- (a) informazzjoni u komunikazzjoni, inklużi kampanji **ta'** sensibilizzazzjoni. Ir-riżorsi finanzjarji allokatati għal attivitajiet ta' komunikazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom ikopru wkoll komunikazzjoni korporattiva fir-rigward tal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni, kif ukoll fir-rigward tal-istatus ta' implimentazzjoni u traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-ambjent, il-klima jew l-enerġija nadifa;

##### *Emenda*

- (a) informazzjoni u komunikazzjoni, inklużi kampanji **tal-midja bħal** sensibilizzazzjoni. Ir-riżorsi finanzjarji allokatati għal attivitajiet ta' komunikazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom ikopru wkoll komunikazzjoni korporattiva fir-rigward tal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni, kif ukoll fir-rigward tal-istatus ta' implimentazzjoni u traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-ambjent, il-klima jew l-enerġija nadifa;

### Emenda 36

#### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt e

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

- (e) netwerking u pjattaformi tal-aħjar prattika;

##### *Emenda*

- (e) netwerking u pjattaformi **jew proġetti** tal-aħjar prattika;



## Emenda 37

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) pajjiżi terzi oħra, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz fi kwalunkwe programm tal-Unjoni, bil-kundizzjoni li dak il-ftehim

##### *Emenda*

(d) pajjiżi terzi oħra, **inklużi ex Stati Membri tal-Unjoni**, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz fi kwalunkwe programm tal-Unjoni, bil-kundizzjoni li dak il-ftehim

## Emenda 38

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d – inċiż 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

– jiggarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tiproteġi l-interessi finanzjarji tagħha.

##### *Emenda*

– jiggarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tiproteġi l-interessi finanzjarji tagħha, **u jipprevedi rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fejn dan ikun f'loku.**

## Emenda 39

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 7 – paragrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Programm għandu jiġi implimentat b'tali mod li jiżgura l-konsistenza tiegħu mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, Orizzont Ewropa, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u InvestEU, sabiex jinħolqu

##### *Emenda*

Il-Programm għandu jiġi implimentat b'tali mod li jiżgura **t-trasparenza, u l-konsistenza tiegħu mal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni, u b'mod partikolari** mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-

sinerġiji, b'mod partikolari fir-rigward tal-proġetti strateġiċi dwar in-natura u tal-proġetti integrati strateġiċi u biex jiġu appoġġati l-adozzjoni u r-replikazzjoni ta' soluzzjonijiet żviluppati fi ħdan il-Programm.

Sajd, ***kif ukoll ma'*** Orizzont Ewropa, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u InvestEU, sabiex jinħolqu sinerġiji, b'mod partikolari fir-rigward tal-proġetti strateġiċi dwar in-natura u tal-proġetti integrati strateġiċi u biex jiġu appoġġati l-adozzjoni u r-replikazzjoni ta' soluzzjonijiet żviluppati fi ħdan il-Programm. ***L-awtoritajiet reġjonali u lokali affettwati għandhom ikunu involuti fl-istadji rilevanti kollha tal-ipprogrammar u l-implimentazzjoni.***

#### **Emenda 40**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Il-Kummissjoni għandha timmira għal distribuzzjoni annwali bbilanċjata tal-finanzjament ta' proġetti tradizzjonali bejn l-Istati Membri.***

#### **Emenda 41**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Għotjiet li jaqgħu taħt il-Programm għandhom jingħataw u jiġu ġestiti skont it- Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju.

Għotjiet li jaqgħu taħt il-Programm għandhom jingħataw u jiġu ġestiti skont it- Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju, ***b'rata ta' kofinanzjament ta' massimu ta' 85 %.***

#### **Emenda 42**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(da) proġetti ta' bini ta' kapaċità amministrattiva;***

## Emenda 43

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt a – punt 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Stat Membru jew pajjiż jew territorju extra-Ewropew marbut miegħu;

*Emenda*

(1) Stat Membru jew pajjiż jew territorju extra-Ewropew, ***inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi***, marbut miegħu;

## Emenda 44

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-entitajiet ġuridiċi li jipparteċipaw f'konsorzji ta' mill-inqas tliet entitajiet indipendenti, stabbiliti fi Stati Membri differenti jew f'pajjiżi jew f'territorji extra-Ewropej marbuta ma' dawk l-Istati jew f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm jew f'pajjiżi terzi oħra, huma eliġibbli.

*Emenda*

5. L-entitajiet ġuridiċi li jipparteċipaw f'konsorzji ta' mill-inqas tliet entitajiet indipendenti, stabbiliti fi Stati Membri differenti jew f'pajjiżi jew f'territorji extra-Ewropej, ***inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi***, marbuta ma' dawk l-Istati jew f'pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm jew f'pajjiżi terzi oħra, huma eliġibbli.

## Emenda 45

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ea) il-proġetti għandhom jirrispettaw il-prinċipju ġenerali tal-bilanċ ġeografiku;***

## Emenda 46

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt f

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) fejn xieraq, għandha tingħata attenzjoni speċjali lil proġetti f'żoni

*Emenda*

(f) fejn xieraq, għandha tingħata attenzjoni speċjali lil proġetti f'żoni

ġeografiċi bi bżonnijiet jew vulnerabbiltajiet speċifiċi, bħalma huma żoni bi sfidi ambjentali speċifiċi jew b'restrizzjonijiet naturali, żoni **transkonfinali** jew reġjuni ultraperiferiċi.

ġeografiċi bi bżonnijiet jew vulnerabbiltajiet speċifiċi, bħalma huma żoni bi sfidi ambjentali speċifiċi jew b'restrizzjonijiet naturali, żoni **transfruntiera, żoni tat-Tramuntana b'popolazzjoni żgħira** jew reġjuni ultraperiferiċi.

#### Emenda 47

##### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(fa) tingħata attenzjoni partikolari għall-għoti ta' fondi għall-implimentazzjoni ta' proġetti mwettqa fir-reġjuni ultraperiferiċi;**

#### Emenda 48

##### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2. L-azzjonijiet li jingħataw ċertifikazzjoni tas-Siġill ta' Eċċellenza, jew li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kumulattivi u komparattivi li ġejjin:**

**imħassar**

**(a) ikunu ġew iwwalutati f'sejħa għal proposti fi ħdan il-Programm;**

**(b) jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi dwar il-kwalità ta' dik is-sejħa għal proposti;**

**(c) ma jistgħux jiġu ffinanzjati taħt dik is-sejħa għal proposti minħabba restrizzjonijiet baġitarji.**

**jistgħu jirċievu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-Fond Soċjali Ewropew+ jew mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, b'konformità mal-paragrafu 5 tal-**

*Artikolu [67] tar-Regolament (UE) XX [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] u mal-Artikolu [8] jew mar-Regolament (UE) XX [Il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni], bil-kundizzjoni li tali azzjonijiet ikunu konsistenti mal-għanijiet tal-programm ikkonċernat. Għandhom japplikaw ir-regoli tal-Fond li jipprovdi l-appoġġ.*

#### **Emenda 49**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. Il-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-awtoritajiet reġjonali u lokali kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, għandhom ikunu involuti kif xieraq fl-istadji kollha tal-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma.**

#### **Emenda 50**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) l-allokkazzjoni ta' fondi f'kull subprogramm bejn il-ħtiġijiet tiegħu u bejn tipi differenti ta' finanzjament;

(a) l-allokkazzjoni ta' fondi f'kull subprogramm bejn il-ħtiġijiet tiegħu u bejn tipi differenti ta' finanzjament, **kif ukoll irrati ta' kofinanzjament minimi u massimi f'kull każ;**

#### **Emenda 51**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1a (ġdid)**

***1a. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jaħtru uffiċjal għall-komunikazzjoni ("uffiċjal għall-komunikazzjoni tal-proġett") għal kull proġett speċifiku.***



## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	L-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)
<b>Referenzi</b>	COM(2018)0385 – C8-0249/2018 – 2018/0209(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 14.6.2018
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 14.6.2018
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Maria Gabriela Zoană 20.6.2018
<b>Eżami fil-kumitat</b>	13.9.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	15.10.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 23 -: 1 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Franc Bogovič, Victor Boştinaru, Mercedes Bresso, Andrea Cozzolino, Rosa D'Amato, John Flack, Aleksander Gabelic, Ivan Jakovčić, Constanze Krehl, Louis-Joseph Manscour, Iskra Mihaylova, Konstantinos Papadakis, Stanislav Polčák, Liliana Rodrigues, Ramón Luis Valcárcel Siso, Matthijs van Miltenburg, Lambert van Nistelrooij, Joachim Zeller
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Raffaele Fitto, John Howarth, Bronis Ropé, Davor Škrlec
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Asim Ademov, Arne Lietz



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

23	+
ALDE	Ivan Jakovčić, Iskra Mihaylova, Matthijs van Miltenburg
ECR	Raffaele Fitto, John Flack
EFDD	Rosa D'Amato
PPE	Asim Ademov, Franc Bogovič, Lambert van Nistelrooij, Stanislav Polčák, Ramón Luis Valcárcel Siso, Joachim Zeller
S&D	Victor Boștinaru, Mercedes Bresso, Andrea Cozzolino, Aleksander Gabelic, John Howarth, Constanze Krehl, Arne Lietz, Louis-Joseph Manscour, Liliana Rodrigues
VERTS/ALE	Bronis Ropė, Davor Škrlec

1	-
NI	Konstantinos Papadakis

0	0

It-tifsira tas-simboli:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni